MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 21/2001/1

**Kummissarju tal-Art**

**vs**

**Golden Harvest MFG Co. Ltd**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

"Illi s-socjeta' intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim datat 9 t'April, 2001 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Birkirkara limiti ta' l-Imsida, tal-kejl ta' madwar 444 metri kwadri, u tmiss min-Nofsinhar ma' propjeta' ta' Antonio Borg u ohrajn u mill-Grigal u mill-Lvant ma' propjeta' ta' Golden Harvest Company Limited, huwa ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) kif jidher mir-rapport tal-Perit Carmen V. Sutton

A&C.E tas-6 ta' Marzu, 2001 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim;

Illi b'ittra ufficjali tat-30 t'April, 2001 s-socjeta' intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' sitt elef Lira Maltija (Lm6,000).

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lis-socjeta' intimata biex tittrasferixxi favur ir-rikkorent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jagixxi minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-preovvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici"

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pave u l-Perit AIC Joseph Mizzi wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Huma ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), u partikolarment l-Artikolu 27, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi il-proprjeta' in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta' agrikola u li l-valur tal-istess proprjeta' bhala libera u franka, u kif deskritta

fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont **ta' elf u mitejn lira maltija (Lm1,200)**

Illi l-ammont ta' Lm1,200 illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 2795.25;

Illi l-perit arkitett tal-awtorita tal-art kien ghamel stima tal-art fl-ammont ta' Lm500 filwaqt illi l-intimat kien rrifjuta dan il-kumpens ghaliex ddikjara li dak xieraq ghandu jkun ta' Lm6000 u ressaq provi in sostenn tal-pretenzjoni tieghu;

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' intimata li titrasferixxi bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut, l-bicca art agrikola f'Birkirkara limiti ta' l-Msida, tal-kejl ta' madwar 444 metri kwadri, u tmiss minn Nofs in-Nhar ma' proprjeta ta' Antonio Borg u ohrajn u mill-Grigal u mil-Lvant ma' proprjeta' ta' Golden Harvest Company Limited, bil-kumpens ta' **Euro 2795.25** (elfejn seba mija u hamsa u disghin euro u hamsa u ghoxrin centezmu) oltre l-imghax legali spettanti lill-intimat. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincent Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-28 ta' Frar, 2008 fis-1.00 pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Marco Ciliberti biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

---------------------------------TMIEM---------------------------------